**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 251/97

John Caruana

vs

Il-Prim Ministru, il-Kummissarju tal-Pulizija, Chairman Awtorita' tat-Trasport u b'digriet tal-31 ta' Jannar 2001 Chairman Awtorita' tat-Trasport Pubbliku u l-Ministru ghall-Port u Trasport u b' digriet tal-1 ta' Marzu 2001 giet korretta ghal Chairman Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku

Illum 15 ta' Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fin-1989, ir-rikorrenti garrab ingustizzja konsistenti fil-fatt li ma giex mghoti permess ghall-garr tat-turisti minn Wied iz-Zurrieq ghall-Blue Grotto.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita' taghhom kienu s-segwenti:

Illi fi Frar 1984 ir-rikorrenti kien gie avzat biex imur id-Depot tal-Pulizija fil-Furjana fejn kienet saritlu ntervista in konnessjoni ma' dan il-permess.

Illi cirka sena wara kien gie avvicinat mill-Pulizija tal-ghassa taz-Zurrieq u gie avzat sabiex jinkariga "Marine Surveyor" u "Marine Engineer' biex jispezzjonaw id-dghajsa u l-outboard motor ghas-seaworthiness taghhom kif inhu mehtieg.

Illi dawn it-testijiet kienu saru mis-Sinjuri J. Zerafa u F. Buttigieg.

Illi ta' dan is-servizz ir-rikorrenti hallas surveying Fee.

Illi d-Dipartimenti tal-Gvern kollha koncernati kienu taw l-approvazzjoni taghhom ghall-hrug ta' dan il-permess u kull ma kien fadal kien li jibghatu ghalih halli jmur ihallas il-permess u jibda jahdem bih.

Illi sussegwentement kien hemm bidla fl-Amministrazzjoni tal-pajjiz.

Illi fin-1989 nghataw il-permessi ghal garr tat-Turisti minn Wied iz-Zurrieq ghall-Blue Grotto sbatax b'kollox izda tar-rikorrenti ma nharigx. Anzi gie maqbuz.

Illi fost dawk li nghataw il-permess kien hemm wiehed u cioe' certu Joseph Pace li kien qieghed jistenna l-hrug tal-permess bhar-rikorrenti. Illi r-raguni ghalfejn r-rikorrenti ma nghatax il-permess kienet wahda politika u dan kif jigi spjegat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti bi hsiebu jgib bi prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u irriserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi ordnat jinhareg il-permess ghall-garr tat-Turisti minn Wied iz-Zurrieq ghall-Blue Grotto ngustament mizmum u kumpens ta' Lm5000 sabiex jaghmlu tajjeb ghat-telf li sofra minhabba l-agir diskriminatorju fil-konfront tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Ministru ghat-Trasport u Portijiet li eccepixxa:

Illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment peress li l-affarijiet allegati graw meta huwa ma kienx fil-kariga u ukoll perss illi l-licenzja biex wiehed jaghmilha ta' barklor f'Wied iz-Zurrieq dejjem waqghet fil-mansjonijiet jew tal-Kummissarju tal-Pulizija (qabel ma gie promulgat l-Att dwar l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku) jew ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Prim Ministru li eccepew:

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li ma saret ebda applikazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija mir-rikorrent dwar dan il-kaz u ma gie registrat qatt fid-dokumenti dipartimentali tal-Pulizija li r-rikorrent kien talab il-hrug ta' xi licenzja ghal dghajsa.

Illi fit-tieni lok il-Prim Ministru mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza billi mhux fil-mansjonijiet tieghu li jirillaxxa licenzji tad-Dghajjes.

Illi l-ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew prefrenza indebita ma saret fil-konfront tar-rikorrent u fi kwalunkwe kaz stante c-cokon tal-post minn fejn

joperaw dawn id-dghajjes u n-numru necessarjament limitat ta' persuni li jistghu jinghataw permessi biex joperaw, ma jsegwix li min ma nghatalux permess awtomatikament sofra ingustizzja fit-termini ta' l-Art VIII ta' l-1997.  Addirittura jidher li r-rikorrent anqas biss applika ghal licenzja.

Inoltre billi l-intimat ma kienx fil-kariga fil-perjodu de quo jirrizerva li jwiegeb ulterjorment u f'aktar dettal fil-kors tal-kawza.

Ghaldaqstant l-intimati talbu li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimati.

Ra r-risposta tal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku u l-Ministru ghall-Port u Trasport li eccipew:

Illi fiz-zmien imsemmi fir-rikors promotur l-Awtorita' lanqas kienet tezisti u r-responsabilita' tal-hrug tal-permessi kienet unikament f'idejn il-Pulizija.

Ghalhekk oltre li mhumiex responsabbli ghall-akkadut allegat mir-rikorrenti, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Inoltre hu fisikament impossibli li joperaw in-numru kollu ta' rikorrenti li qed iressqu l-ilment taghhom quddiem it-Tribunal mill-post imsemmi.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz in-noti tal-osservazzjonijiet.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fit-28 ta' Ottubru, 1998 l-ilment gie cedut fil-konfront tal-Ministru ghall-Port u Trasport.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li:

Kien applika ghal permess tal-garr tat-Turisti l-ewwel darba qabel in-1962. Pero' qatt ma gara xejn.

Fi Frar tal-1984 kien gie avzat mill-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq sabiex imur id-Depot tal-Pulizija fil-Furjana sabiex joqghod ghall-interview in konnessjoni mal-hrug ta' permess ghall-garr tat-turisti.

Meta mar ghal dan l-interview sab diversi persuni jistennew li wkoll kienu qeghdin hemm ghall-istess raguni.

Kienu sejhulu xi ufficjali tal-Pulizija u gie mistoqsi diversi mistoqsijiet ghall-liema wiegeb u mar tajjeb.

Xi sena wara reggha gie avvicinat mill-Pulizija tal-ghassa taz-Zurrieq biex jinkariga "Marine Surveyor" u "Marine Engineer" halli dawn imorru jispezzjonaw id-dghajsa u l-outboard motor tieghu halli jiccertifikaw jekk hix sea worthy kif inhu mehtieg ghall-hrug tal-permess finali tal-garr tat-turisti gewwa Wied iz-Zurrieq.

Kien inkariga lil J. Zerafa u F. Buttigieg fuq parir ta' xi sajjieda u dawn marru jaraw id-dghajsa u ghamlu r-rapport taghhom liema rapport gie sottomess lil Kummissarju tal-Pulizija. Hallas surveying fee ta' Lm10.

Id-Dipartimenti tal-Gvern kollha koncernati kienu taw l-approvazzjoni taghhom ghall-hrug ta' dan il-permess.

F'dan l-istadju kull ma kien ghad fadal kien li jibghatu ghalih l-Pulizija halli jmur ihallas il-permess relattiv u jibda jahdem bih.

Illi dan kollu gara qabel l-elezzjoni tan-1987.

Gewwa Wied iz-Zurrieq kien hemm hafna opposizzjoni minn nies ohra li kellhom il-Permess sabiex dan il-permess ma jinharigx ghax riedu monopolju. Kien hemm anke vjolenza u bdew jinharqu l-qxur ta' dawk li kien ser jinhargilhom il-permess. Konsegwenza ta' din il-vjolenza dawn il-permessi gew mizmuma u r-raguni moghtija kienet li dawn kienu ser jinhargu appena dan l-istat ikrah jiskot. Kien hemm bidla fl-Amministrazzjoni tal-pajjiz u dawn il-permessi baqa' ma nstema xejn fuqhom avolja l-istat allarmanti li kien hakem Wied iz-Zurrieq kien gie ghan-normal.

Kull meta kien jindaga mad-Dipartiment tal-Pulizija kien ikun infurmat li appik li johrog.

Fl-1989 inhargu l-permessi izda b'ghageb kbir ghalih inqabez u hadu permess nies jew ahjar individwi li qatt ma deheru lejn Wied iz-Zurrieq ahseb u qatt ma hadmu fuq il-bahar.

Zied jghid: "Irrid nghid pero' li fost dawk li nghataw il-permess kien hemm wiehed li kien ghall-interview mieghi u li kien gie maghzul sabiex ikollu permess bhali.
Gara izda li dan Pace kien aktar stus fis-sens illi dan kien hareg "all out" favur politiku partikolari peress li kien attivist. Jien qatt ma ridt u anqas irrid li nkun xi estrem jew xi attivist politiku. Nghid hekk ghax lili kienet saritli l-istess offerta bhal ma saret lill-istess Pace. Pero' jien ma ridtx ikolli x'naqsam ma politika.
Illi ghalhekk ninsab konvint illi r-raguni ghalfejn jiena ma nghatax il-permess kienet wahda politika u peress illi dawk kollha mis-sbatax li gew moghtija dan il-permess u dan floki l-ewwel wiehed kollha kellhom x'jaqsmu mal-kampanja elettorali tan-1987 u partecipaw bi hgarhom fiha."

Dr Lawrence Pullicino li dam Kummissarju tal-Pulizija [operational] sa Mejju 1987 xehed li ghal zmien twil licenzji fil-Blue Grotto kienu mizmumin. Zied li kien hemm diversi applikazzjonijiet pendenti li pero' ma hargux permessi dwarhom. Zied li meta tkun qedgha tigi ezaminata dghajsa u mutur bil-fors li l-applikazzjoni tkun qed tigi studjata fi stadju avanzat, u l-probabilta' tkun li ser tohrog licenzja. Kien hemm opposizzjoni minn dawk li gja kellhom permess biex ma johorgux permessi godda. F'kaz li applikant imut trid issir applikazzjoni gdida

ghax licenzja tal-Pulizija hija haga personali. Pero ftakar li licenzja mahruga fil-kaz tal-Monti tintiret.

PC 357 Christopher Sammut fl-1988 u 1989 kien jassisti lis-Surgent Montanaro li kien inkarigat mill-permessi li hargu f'Wied iz-Zurrieq. Deherlu li kienu hargu xi 14 il-permess. Wara l-1989 qatt ma hargu permessi. Meta kienet issir applikazzjoni kien jibghat ittra lid-Dwana u xi dipartimenti ohra biex jistaqsihom kienx hemm xi oggezzjonijiet. Wara kien jghaddi l-karti lis-superjuri tieghu ghall-istruzzjonijiet. Xi zmien wara kienet bdiet tipprocesshom il-Public Transport Authority. Kull sena irid jingieb certifikat tas-Sea Worthiness tal-boat. Dan ic-certifikat hija haga mill-ahhar stadji biex johrog permess. L-applikazzjonijiet jigu mnizzla fuq ktieb li jinzamm fl-ghassa. Jitnizzel kemm meta jsiru kif ukoll meta johrog il-permess.

Joseph Zerafa li kien imqabbad mid-Direttur tal-Portijiet bhala shipping surveyor gieli hareg certifikati ta' Sea Worthiness ta' Boats ta' Wied iz-Zurrieq. Dawn ic-certifikati kienu johorgu kull sena. Fl-1984 kien hemm xi 59 permessi li kienu johorgu u fl-1985 kien hemm 11 il-applikant gdid li talbuh johrog dan ic-certifikat. Dawn kienu Louis Caruana, John Caruana, Peter Caruana, Andrew D'Amato, Emmanuel D'Amato, Michael Bellizzi, Rokku D'Amato, Carmelo sive Nenu D'Amato, Joseph Pace, Philip Abdilla, u Emmanuel Zammit. Dawk il-59 li kellhom il-permess kienu pprotestaw biex ma johorgilhomx il-permess. Ic-certifikati kien jghaddihom lid-Direttur tal-Port u lill-Pulizija. Is-survey ta' dawk il-hdax kien ghamlu biss fl-1985. Fl-1989 kien zdied il-permess ghal 17 ohra kif jidhru fil-

lista esibiti bhala dokument Z1. Hu kien jaghmel is-survey tal-Boat ghax tal-magna kien jaghmilha Frankie Buttigieg.

Michael Bellizzi xehed li f'Wied iz-Zurrieq hemm min ma ghandux permess, min ghandu wiehed u min ghandu ghaxra. Zammit ghandu diversi. Hemm min biegh l-permess u qalgha tefgha flus minnu. Permessi gieli ghaddew ghand it-tfal. Dawk li hargilhom il-permess fl-1989 qatt ma kien rahhom hemm isfel. Ukoll Pace u David Caruana kienu marru min naha ghall-ohra u kienu hargu "all out maghhom". Dawk li hargilhom il-permess ma humiex miz-Zurrieq. Kien hemm min applika warajh u hadu l-permess. Hemm min dawk li hadu l-permess li lanqas ghandu dghajsa. Il-boat kien nehhiha meta ra li mhux ser johrog il-permess.

Peter Caruana ikkonferma l-affidavit tieghu. Semma li meta kien ghalaq it-tmintax-il sena kien applika ghall-permess. Dan kien ghall-habta tal-1978. In segwitu kien irceva ittra biex jinzel ghal interview id-depot, u kien kellem zewg spetturi. Xi sena wara kien sab pulizija wara l-bieb u kien qallu biex jiehu hsieb igib surveyor ghax kienu waslu biex johorgu l-permessi u hekk kien ghamel. Pero` permessi ma hargux. Nies li applikaw warajh hadu l-permess. Fost dawk li applikaw mieghu semma lil Joseph Pace li pero` dan kien canvasser maghruf ta` Ninu Zammit. David Caruana wkoll kien canvasser ta` Ninu Zammit u hariglu l-permess ghalkemm applika warajh. Nies li qatt ma hadmu hemm isfel hadu l-permess. Illum il-gurnata frejgatina ghandu w juzaha Wied iz-Zurrieq.

John Caruana ikkonferma l-kontenut tal-affidavit tieghu. Semma li bhala tifel kien ikun man-nannu tieghu Wied iz-Zurrieq. Meta kiber mar japplika ghand il-Water Police u dawn kienu nfurmawh li kien ferm difficli pero` kienu tawh l-parir biex naghmel l-ezami ghall-coxwain u fil-fatt kien akkwista l-licenzja u kien ingorr in-nies. L-applikazzjoni tieghu kienet kmieni xi 1963, 1964 u regha applika bejn wiehed u iehor fl-1985, 1986 u in segwitu lili kienu qalulu biex iqabbad is-surveyor biex jezamina l-frejgatina u l-mutur li fil-fatt kien mar, ghamel it-testijiet, approva l-qoxra tieghu u kienu stennew li l-permessi kienu ser johorgu. Izda Wied iz-Zurrieq kien hemm tensjoni ta` biza. Kien hemm hruq ta` dghajjes u kien hemm nies li jsalu ghal kollox. Permessi ma hargux. Fost dawk li wara hargilhom il-permess kien hemm certu Joseph Pace li kien habib kbir tieghu li kien qallu "Johnny trid permess? Ibdel il-kulur u tiehdu." Fil-fatt permessi kienu hargu 17.

Illum frejgatina m`ghandux u propjament frejgatina fuq ismu personali qatt ma kellu pero` dejjem kien juza ta` missieru, ta` hija. Bejn l-1987 u l-1995 frejgatina ma kellux.

Sostna li "Flus minn dan in-negozju taqla' u taqla' sew ghax specjalment fil-granet tas-sajf anke hamsin kulljum iddahhal u petrol ftit spejjes ghandek. Jiena nghid li taqla mal-Lm4000 fis-sena dhul bi profitt minn dan in-negozju…Jiena nikkonferma li l-Lm4000 li semmejt qabel huma profitt ghax hemmhekk hemm

is-sistema tal-Lm20 kull vjagg  jkun hemm lok hafna vjaggi.  Il-mutur li juza hemmhekk huwa t-tip Suzuki 50."

Emanuel D`Amato xehed li ghandu frejgatina ta` 16-il xiber, u ghandu luzzu kbir ukoll. Kellu l-permess ta` coxwain.  Semma li wara li kienu ezaminawlhom l-qxur kienu qalulhom li xi erbat ijiem ohra jkollhom l-permess pero` permess qatt ma hareg. Minn dawk is-17 li kienu nghataw il-licenzja, tlieta minnhom jarahom hemm spiss hafna, waqt li l-ohrajn ma jafhomx kollha imma ma tantx narahom.  L-ewwel darba li applika kien fl-1974. Dwar in-nies nghid li fil-fatt jaqalghu anke aktar minn Lm4000 fis-sena minn hemmhekk.

L-Ispettur Patrick Spiteri kien sab applikazzjoni tal-1974 u ohra fl-1988 f'isem Joseph Sciberras

Louis Caruana semma li hu trabba Wied iz-Zurrieq u kien ikun ma' Gejtu D` Amato u Joe Pace.  Zied li kienu ghamlu l-applikazzjoni ghal-licenzja ta` coxwain u haduha.  Din il-licenzja tghid "to drive motor boats licensed to go between Wied iz-Zurrieq, the Blue Grotto and neighbouting caves for the purpose of carrying passangers to/from these areas.  Pero` l-licenzja kienet tkopri biex insuq u mhux licenzja biex ikollok boat. Ukoll fl-1985, ghall-habta taghha bejn wiehed u iehor, kienu ghamlu kumpanija biex inehhu lill-bqija.  Fl-1985 hu kien reggha applika u kien sar ezami tal-frejgatina u tal-mutur li kien applika ghalihom u kien sar is-survey.  Qatt ma hargulu licenzja biex insuq lill-passiggieri hlief dik li semma precedentement.

Zied li wara hargu 17-il permess pero` ismu ma kienx wiehed minnhom. Pace kien hariglu l-permess. In-nies li hargilhom il-permess huma kollha Nazzjonalisti. In-nies li fil-fatt nghataw il-licenzja mhumiex kollha minn Wied iz-Zurrieq. Hemm anke bicciet minn Haz-Zebbug, hemm ohrajn bit-taxis. Hemm bicciet li anqas biss jafu jidhlu go Wied iz-Zurrieq kif suppost.

Id-dghajsa li kellu propjament kienet qieghda f` isem huh pero` kien hemm ftehim bejnithom li fil-kaz din tigi trasferita jekk johrog il-permess. Illum il-gurnata ghadha f`isem huh. Il-permessi kienu hargu ftit wara r-rizultat tal-elezzjonijiet tal-1987. Sciberras fil-fatt ghandu licenzja pero` mhux qieghed jahdem u dan minhabba li ma jridux ihalluh jidhol maghhom fil-kumpanija taghhom.

Nenu D` Amato ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Kien applika ghall-permess biex ingorr it-turisti bejn l-1980 u l-1985. Il-Water Police qalulhom li l-permessi kienu sejrin johorgu wara li sar s-survey fuq id-dghajjes. Dak iz-zmien li applika kellu kemm boat kif ukoll mutur. Illum il-gurnata l-frejgatina mghadiex ghandu.

Andrew D` Amato ikkonferma r-rikors. Semma li kienu sajjieda pero` mbaghad ra it-turizmu qieghed jizdied u ghalhekk f'xi l-1977 applika ghal biex igorr in-nies. Fl-1972 hariglu permess R/54138/71 iffirmat mill-Water Police u dan "to drive motorboat licensed to go between Wied iz-Zurrieq, the Blue Grotto and the

neighbouring caves for the purpose of carrying passengers to/or from these areas. Dan hu l-permess ta` coxwain. Ma kellux permess biex ingorr it-turisti u ghalhekk applika bhala owner. Kien sar s-survey fuq il-boat. Kienu harqulu l-fregatina kif ukoll ta' haddiehor.

Wara hargu permessi ghal 17. Xehed: "Ghanid nghid li kien hemm nies li kienu maghna, jiena Laburist, u ghax marru capcpu lin-Nazzjonalisti hargilhom il-permess. Wiehed minnhom kien Joseph Pace."

Rokku D` Amato ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma li fl-1985 kien applika biex igorr il-passiggieri ghal Wied iz-Zurrieq. Wara certu zmien kien gie s-surveyor. Dak kien fl-1985 u permess baqa` qatt ma hariglu. Wara l-bidla tal-Gvern fl-1987 kienu hargu l-permessi lil numru ta` nies, fosthom lill-kugini ta` xi ministri.

Carmelo Sammut xehed li kien applika bejn wiehed u iehor fl-1975. Fl-1984 fis-26 ta` Jannar baghatu ghalih l-Pulizija dwar l-applikazzjoni. Sar is-survey fuq il-boat u l-mutur u kollox kien sewwa pero` baqa' minghajr permess u minghajr licenzja. Eventwalment tbiddel il-Gvern, tela` l-gvern tan-Nazzjonalisti u fil-fatt hargu 17-il permess pero` dawk li kienu applikaw (11) kollha baqghu barra. Qal: "Kien hemm minn fostna li qaleb il-kulur u fil-fatt wara l-permess hariglu."

Carmel D` Amato ikkonferma l-kontenut tar-rikors tieghu. Semma li fl-1982 kien applika kemm ghal coxwain kif ukoll bhala owner biex igorr il-passiggieri Wied iz-Zurrieq. Kien jassiti lil missieru jiehu t-turisti. Kien applika ghall-permess pero` dghajsa u mutur tieghu ma kellux u allura kien impossibbli jmur ebda surveyor jaralu l-boat u l-mutur.

Semma lil Joe Pace li kien ta` kulur politiku bhalu u cioe` Laburist u li mbaghad iddecieda li jaqleb u lilu kien qallu biex jaqleb u licenzja tohroglu.

Minn dawk is-17 li kienet hargitilhom il-licenzja fl-1987 forsi kien hemm 4, 5 biss li kellhom id-dghajsa dak iz-zmien li applikaw.

Joseph Caruana General Manager tal-Public Transport Authority xehed li l-Awtorita` hadet f`idejha l-permessi mill-1994. Qabel kienu ghand il-Water Police. Minn dak iz-zmien `il hawn, mill-1994, f`Wied iz-Zurrieq hareg permess wiehed biss u dana favur Possidio Sciberras u dan in segwitu li kien hemm decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta` Ingustizzji li kien ordna f`dak ir-rigward. Qabel permessi kien hemm 59 u mbaghad hargu 17-il permess iehor pero` mhux mill-Public Transport Authority u b` hekk 77 permess.

Il-Water Police kienu taw lil l-Awtorita’ zewg volumi, manuskritti, riferibbilment ghall-permessi. Fil-fatt is-76 kienu qieghdin fir-roster ghax fizikament 20 jistghu jahdmu at any one

time. Fl-1999 kienu kkummissjunaw biex isir rapport lill-Vector Consultants dwar il-post in kwistjoni u kien irrizulta li minhabba li hemm bottleneck kienu jistghu jahdmu mhux aktar minn 20 at any one time. Esebixxi kopja ta` pagna 34 tar-rapport minn fejn jirrizulta dan il-fattur.

Peress li jafu bil-problema tal-permits kienu kkummissjunaw lil Vector Consultants ghax gieli uzawhom ghal affarijiet simili. Infatti kienu qabduhom ghall-istess tip ta` studju fid-Dwejra. Bhalissa l-policy hija li ma johorgux permessi. Meta ghalhekk tmur persuna biex tapplika ma jpogguhomx fuq xi waiting list jew f` xi volum. Il-volumi li semma kienu nghataw lill-Public Transport Authority fl-1994 u qeghdin ghand l-Operations Manager Victor Bruno Olivier. Dawn ghadhom fl-istat li kienu meta ghaddewhomna l-pulizija. Bazikament il-licenzja qieghda tintiret f'kaz ta' mewt. Ukoll bejgh ta` permess huwa accettabbli bhala policy purche` jigu sodisfati r-rekwiziti l-ohra, naturalment li bniedem ikun kapaci jsuq il-boat etc.

Ir-rapport bazikament sar minn Joe Sammut u Tanya Sammut Bonnici li hija l-mara tieghu, u dejjem tad-ditta Vector Consultants. Vector Consultants tqabbdu ghall-habta ta` Gunju, Lulju bejn wiehed u iehor tal-1999. Id-decizjoni dwar il-kaz ta` Possidio Sciberras kien gja deciz meta nkarigaw lil Vector Consultants.

Mill-volumi mghodddija mill-Water Police lill-Awtorita' ma jirrizultax min kien japplika ghall-permess tad-dghajsa u meta

kien applika. Fil-fatt il-volumi li ghandhom fil-pussess taghhom huma volumi li juru min ghandu l-permess mhux registri ta' min applika ghal-licenzja. Esebixxa ktieb zghir maghmul minn Vector Consultants dwar Wied iz-Zurrieq boat services.

Dr. Joseph Sammut xehed dwar informazzjoni li gabar hu stess minn Wied iz-Zurrieq u minghand nies li huma midhla ta` hemm isfel. Il-permessi huma sebgha u sebghin li pero` hemm hdax-il permess iehor li dawn imorru ghand il-kumitat ta' Wied iz-Zurrieq, jigifieri l-kumitat li jmexxi l-organizzazzjoni ta' hemm isfel ghandu hdax-il permess oltre. Dawn jinqasmu hekk; disa' vjaggi kulljum imorru ghand id-despatchers li jahdmu hemm isfel u li hemm fil-gabbana tat-tickets, jigifieri dak jinghaqad maghhom ukoll. Irid jigi indikat li dawn huma owners huma stess tal-boats hemm isfel jigifieri oltra l-vjaggi u l-permessi li ghandhom dawn ghandhom il-vjaggi u l-permessi taghhom personalment. Iz-zewg vjaggi li jibqa' minn dawn imorru wiehed biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjes, pero` spejjez ma hemm xejn ghax dawn tidhol ghalihom il-Fisheries u l-Kumitat tal-Qrendi. Qabel kien hemm il-General Workers' Union li kellha l-maggoranza u kienu membri taghha biss meta nghataw dawk is-sbatax-il permess il-membri kienu hassew li dina ma qabzitx ghalihom u li saret ingustizzja li nghataw dawn il-permessi u hargu mill-union.

Hemm ukoll roster ohra gdida li kemm ilu li gie mgharraq il-vapur El Faroud, dan sar an attraction u allura issa inhalqet roster gdida u hemmhekk jiehdu l-ghaddasa fuqu. Jigifieri dan roster

illum, tant hemm xoghol u hemm wiesgha ta' permessi li nholqot attivita` gdida, roster li m' ghandux x' jaqsam mal-Blue Grotto li jmur fuq din is-sit.

Fl-ahharnett il-president ta' Wied iz-Zurrieq, li huwa tal-post li huwa Louis Zammit ghandu barra z-zewg permessi tieghu personali, dan jerga' ghandu vjaggi moghtijin lilu apposta tax-xoghol li jaghmel, jigifieri hemm oltre mill-ispazju biex it-talba, il-permessi li kellhom jinghataw messhom inghataw.
Ikkunsidra

**RAPPORTA TA' VECTOR CONSULTANTS**

Illi gie prezentat rapport ta' Vector Consultants li kienu gew kummisjonati mill-Awtorita' tat-Trasport li jaghmlu dan ir-rapport u dana fl-1999 u cioe' wara li giet istitwita l-kawza odjerna. Fih hemm deskrizzjoni tal-qxur uzati, fix jikkonsisti t-Tour, prezzijiet. Isemmi li 20 dghajsa jistghu jorbtu fil-Wied fi kwalunkwe hin u dan hu li jikkawza l-bottleneck principali u z-zieda tal-licenzji ma tkunx tista' tkabbar in-numru ta' vjeggi. L-20 dghajsa huma determinati mill-Assocjazzjoni fuq bazi ta' shift. Fir-rapport hemm li 131000 turista jaghmlu t-Trip li jiswa LM2.5 u hemm 240 gurnata fis-sena meta jsir ix-xoghol. Ikkonkluda li l-average pre tax margin per year huwa ta' LM2748 ghal average ta' 62 granet tax-xoghol. Il-principju ta' free enterprise jissuggerixxi l-liberalizazzjoni tal-licenzji izda johloq numru ta' problemi ta dghajjes biex jahdmu u parking ta' vetturi. Hemm problemi ta' Boathouse capacity, slipway

congestion, Quay space for embarcation, parking, u problemi estetici. Hemm ukoll l-prblema tal-Assocjazzjoni u l-problema tal-monopolju.

**ILMENT TAR-RIKORRENT**

Illi r-rikorrent qieghed jilmenta li hu kien applika mal-Pulizija zmien twil ilu biex jigi moghti permess biex ikun jista' jgorr it-Turisti f'Wied iz-Zurrieq bil-boat. Ghalkemm ma giex esibit il-ktieb tal-applikazzjonijiet li kien jinzamm mill-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija [li wara kollox kif jista' r-rikorrent jesebih jekk ghal xi raguni dan intilef lill-istess intimat] hemm l-affidavit tar-rikorrent kif ukoll li s-surveyor Zerafa kien nizzel il-lista tan-nies li ghamlilhom is-survey kif jirrizultaw mid-dokument Z2.

Illi mhux kontestat li din l-applikazzjoni saret. Mhux biss saret izda imxew kwazi l-proceduri kollha u ftit qabel 1987 giet ezaminata d-dghajsa u l-mutur u certifikati sea worthy. Irrizulta li meta jsir is-survey normalment tkun ser tohrog il-licenzja. Illi kollox kien jaghti indikazzjoni li l-permess kien ser johrog izda inqala' l-inkwiet u ghal xi raguni il-permessi ma hargux u waslet l-elezzjoni tal-1987 u dan il-permess baqa' ma harigx. Ma ingibet ebda raguni valida ghax il-permessi kellhom ma johorgux f'dak iz-zmien hlief li minn kellu dak il-poter xtaq li jirrifletti aktar dwar dak li kien qieghed jigri.

Illi fl-1989 inhargu 17-il permess izda r-rikorrent u l-ohrajn kollha li kien ser johorgilhom il-permess, hlief ghal Joseph Pace li allegatament minn canvasser ta’ partit politiku spicca canvasser tan-naha l-ohra, ma inghatawx permess u mill-provi jidher li dawk li akkwistaw il-permess applikaw ghal dan il-permess wara r-rikorrent. Ma giet moghtija ebda raguni valida ghaliex ir-rikorrent flimkien ma’ xi ghaxra ohra nqabez.

Illi r-rikorrent jaghti bhala raguni li inqabez il-fatt li hu politikament kontra l-gvern ta’ dak iz-zmien waqt li dawk li inghataw il-permess huma attivisti tal-partit fil-gvern jew li jigu minn-nies li qedghin fit-tmexxija tal-partit ta’ kontra r-rikorrent.

Illi certament dak li gara fl-ghoti ta’ licenzji lil dawk is-17 u li thallew barra il-11 fl-1989 jammonta ghal ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha kif imsemmi fl-Att VIII tal-1997. L-argument li l-fatti graw qabel 1987 u ghalhekk ma hemmx il-kompetenza tat-Tribunal ma hix sufficjenti minhabba li certi fatti graw qabel 1987 izda l-ingustizzja saret fl-1989 meta inqabzu minghajr raguni valida u nghataw il-permessi lil persuni ohra.

**ECCEZZJONI TAL-PRIM MINISTRU**

Il-Prim Ministru eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur f’din il-kawza billi mhux fil-mansjonijiet tieghu li jirrilaxxja licenzji ta’ dghajjes. Irrizulta li dan il-poter fl-1989 meta saret l-

ingustizzja dan il-poter kien f'idejn il-Kummissarju tal-Pulizija. Fir-rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici it-Tribunal qal:

"l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Ghalhekk certament il-kawza missa giet istitwita biss kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici. Jekk id-Direttur mhux parti fil-kawza kif jista' jkun hemm sentenza fil-konfront tieghu! [ara wkoll Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99].

Dan iwassal li l-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna u ghalhekk it-Tribunal qieghed jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

**ECCEZZJONI TAL-AWTORITA` TAT-TRASPORT**

L-Awtorita' eccipiet li fiz-zmien li saret l-allegata ingustizzja u cioe' fl-1989 l-Awtorita' ma kinitx tezisti – haga li fil-fatt tirrizulta manifesta mill-Att li istitwiha. L-Awtorita' hadet f'idejha l-permessi mill-1994. Ghalhekk mhix responsabbli ghal dak li gara.

**ECCEZZJONIJIET TAL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

Il-Kummissarju tal-Pulizija eccepixxa:

1. li ma saret ebda ingustizzja ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, u li stante c-cokon minn fejn joperaw id-dghajjes u n-numru necessarjament limitat ta’ persuni li jistghu jinghataw permess biex joperaw ma jsegwix li min ma inghatalux permess awtomatikament sofra ingustizzja. Ghar-raguni hawn fuq imsemmija din l-eccezzjoni giet michuda ghax kif issemma aktar ‘l fuq l-ingustizzja giet pruvata b’mod manifest, u l-kompetenza tat-Tribunal ghal kaz tirrizulta cara b’dak provdut fl-artikolu 6 (1) (d) tal-Att VIII tal-1997 fejn jitkellem dwar licenzja jew permess mehtieg bil-ligi.

2. Eccepixxa wkoll li ma saret ebda applikazzjoni mir-rikorrent lilu u ma gie registrat qatt fid-dokumenti dipartimentali tal-Pulizija li r-rikorrent kien talab ghall-hrug ta’ xi licenzja ghall-dghajsa. Eccezzjoni li setghet thalli lit-Tribunal halqu miftuh! Jekk ma gie prodott fil-kawzi ebda volum li juri l-applikazzjonijiet fil-kawzi ghall-permessi tad-dghajjes ta’ Wied iz-Zurrieq kif inhi li ghall-okkazzjoni setgha l-intimat jaghmel il-verifiki! Kif inhi li dawn il-volumi la instabu ghand il-Pulizija u lanqas ghand l-Awtorita’ u issa tohrog din l-eccezzjoni! Kif inhi li fil-kawza ta’ Sciberras kwotata mill-konsulent legali tar-rikorrent hemm kienu jissemmw dawn il-volumi, u dawn daqqa jidhru u daqqa le!

Zgur li r-rikorrent halef li kien applika ghall-permess tad-dghajjes Wied iz-Zurrieq. Ukoll fil-lista tas-surveyor Zerafa a fol 37 – Dok Z2 – hemm il-lista ta' dawk in-nies li dan Zerafa kien ghamel surveys fuq id-dghajsa taghhom. Fil-lista hemm John Caruana. Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

**RIMEDJU**

Stabbilita l-ingustizzja, it-Tribunal irid jara x'ghandu jkun ir-rimedju. L-Awtorita' tat-Trasport irrilevat li hu fisikament impossibbli li joperaw mill-post imsemmi in-numru kollha tar-rikorrenti li qed iressqu l-ilment quddiem it-Tribunal (13 oltre dak deciz). Dan l-istess hsieb jinstab fir-rapport ta' Vector Consultants : ' Wied iz-Zurrieq is showing signs of congestion with regards to parking of vehicles, parking of boats and moorings. Opting for liberalisation would increase congestion at Wied iz-Zurrieq."

Ir-rikorrent ghazel li jikkwota il-kawza fl-ismijiet Joseph Sciberras et vs Kummissarju tal-Pulizija et deciza fil-25 ta' Gunju, 1998 fejn intqal :

"L-eccezzjoni l-ohra li stante c-cokon tal-post minn fejn joperaw dawn id-dghajjes u n-numru necessarjament limitat ta` persuni li jistghu jinghataw permessi biex joperaw, ma jsegwix li min ma nghatalux permess awtomatikament sofra ingustizzja fit-termini ta` l-Art. VIII ta` l-1997, ma tixtax tigi accettata. Ma jistax ikun li ma jigux segwiti kriterji legali u wara tohrog b'din l-eccezzjoni. Jekk stess il-post hu zghir u n-numru irid ikun limitat iridu japplikaw principji ohra biex

jirregolaw l-ghoti ta' licenzji u mhux li jigu moghtija b'mod diskriminatorju u jkun hemm min ibaghti minn ingustizzja."

Issa hu ta' min jirrileva li Sciberras kien applika fl-1970 u cioe' qabel ir-rikorrent. Kif l-istess rikorrent isostni li saret ingustizzja mieghu meta inghatw 17 il-permess u ma inghatwx lil min kien applika l-ewwel, l-istess mod kienet issir ingustizzja jekk ir-rikorrent jigi preferut ghal Sciberras sakemm ma jkunx hemm xi raguni valida.

Issa r-rikorrent jargumenta li mela hu ghandu jinghata l-permess bhal kif inghata Sciberras. Pero' hawn wiehed irid jiftakar li bhal issa t-Tribunal ghandu 13 il-kawza ohra ghas-sentenza fuq permessi ta' boats f'Wied iz-Zurrieq. Is-saturation point xi darba trid tintlehaq u dan it-Tribunal ihoss li bl-affarijiet kif inhuma wiehed ma jistax izid in-numru ta' permessi notevolment minghajr ma qabel isir xi svilupp fil-post jew is-sitwazzjoni tigi regolata b'ligijiet jew ghall-anqas xi policy. Izda din funzjoni tal-legislatur u mhux tat-Tribunal.

Ukoll ir-rikorrent semma il-kawza deciza mit-Tribunal fl-24 ta' Ottubru, 2000 fl-ismijiet Clive Busuttil vs Kummissarju tal-Pulizija. F'dik il-kawza it-Tribunal propju ta hlas ta' LM5000.

**KUNDANNA**

Illi ghalhekk peress li t-talba tidher gustifikata, it-Tribunal jilqaghha u jirrakkomanda li jsir hlas ta' kumpens ta' hamest

telef lira [LM5000]. Fil-konfront tal-Ministru ghall-Port u Trasport il-kawza giet ceduta; fil-konfront tal-Prim Ministru dan mhux il-legittimu kontradittur; fil-kaz tal-Awtorita' tat-Trasport mhux hi responsabbli ghall-ingustizzja. Ir-responsabbilta` hija tal-Kummissarju tal-Pulizija li kien johrog il-licenzji dak iz-zmien.

Spejjez kontra l-Kummissarju tal-Pulizija.